MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Numru. 266/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**John Mary Axiaq**

**(ID 297572(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Mary Axiaq detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 297572(M):

Akkuzat talli fit-30 ta' April 2009 u fis-sena ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Fil-fond 160, Main Street, Zabbar, cioe` f'post abitat, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu xi munizzjoni kalibru .38, minghajr licenza mahruga f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex:

i) tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'sentenza datata 16 ta' April 2004, moghtija minn din l-istess Qorti, fejn gie immultat Lm200, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-30 ta' April 2009, waqt li kienet qeghda ssir osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat, gie nnutat persuna, certu Mario Fenech, hiereg mill-istess residenza. Minn tfittxija li saret fuq l-istess Fenech, fil-but tal-gakketta tieghu, instab qartas tal-karti imgezwer fil-*foil* li kien jikkontjeni sustanza suspettata eroina.[1] L-istess Fenech irrilaxxja stqarrija li giet ikkonfermata minnu bil-gurament ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, f'liema stqarrija huwa qal *inter alia* li l-qartas li nstab fil-pussess tieghu kien jikkontjeni d-droga eroina, li kien xtrah minghand l-imputat u li dejjem xtara d-droga eroina minghand l-istess imputat. Sussegwentement, minn tfittxija li saret gewwa r-residenza tal-imputat, instabu mizien elettroniku (fil-kamra tas-sodda tieghu), xi *foil* kemm gdid, kif ukoll mahruq, xi karti (li nstabu fil-kcina), *mobile,* zewg *sim cards* u *top up cards* (li nstabu fil-kcina) u *bullet* li nstabet fil-kamra tas-sodda.[2] Izjed tard, fl-istess jum, ghall-habta tad-9.30 p.m., meta l-imputat ittiehed gewwa l-Isptar Mater Dei sabiex isirulu xi *x-rays*, waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, instabu sitt iqratas kontenenti sustanza suspettata eroina fil-kalzetta tieghu, imgezwrin gewwa *tissue paper*.[3] L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar l-1 ta' Mejju 2009[4] wara li huwa nghata d-debita twissija skond il-ligi vigenti dak iz-zmien u xehed ukoll f'dawn il-proceduri[5].

---

[1] Xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 33 *et seq* tal-process.
[2] Xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 33 *et seq* tal-process u xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino, a fol. 52 *et seq* tal-process.
[3] Xhieda ta' PC 773 Ryan Tonna (a fol. 37 *et seq* tal-process) u xhieda ta' PS 396 Saviour Baldacchino (a fol. 40 *et seq* tal-process).
[4] A fol. 21 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 91 *et seq* tal-process.

a) Traffikar ta’ droga eroina fit-30 ta’ April 2009 u fis-sena ta’ qabel din id-data

Kif inghad izjed ‘il fuq, nhar it-30 ta’ April 2009, waqt li kienet qeghda ssir osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat, gie nnutat certu Mario Fenech, hiereg mill-istess residenza. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna ta’ Fenech, instab qartas tal-karti mgezwer fil-*foil* kontenenti sustanza suspettata eroina. L-istess Fenech irilaxxja stqarrija dakinhar stess tat-30 ta’ April 2009, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament fl-1 ta’ Mejju 2009, ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) quddiem il-Magistrat Inkwirenti.[6]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, Mario Fenech ikkonferma li l-qartas li nstab fuq il-persuna tieghu hekk kif huwa hareg mir-residenza ta’ John Mary Axiaq kien fih l-eroina u li huwa kien ghadu kif xtara dan il-qartas minghand l-istess Axiaq maghruf ukoll bhala l-Quhu. Huwa kien hallas Eur 19 ghall-istess qartas. Jghid ukoll illi sa gimgha qabel, huwa kien qed jghaddi biss bil-*methadone*, izda stante li tnaqqsitlu d-doza, ma zammx izjed u spicca jixtri l-eroina minghandu. Kien ilu bil-vizzju tal-eroina xi hames snin u li prattikament kien ilu hames snin jixtri l-eroina minghand Axiaq, ghaliex dejjem xtara minghandu. F’dik il-gimgha li rega’ beda jiehu l-eroina, xtara pakkett ta’ Lm10 ossia Eur 19, darba kuljum, filghaxija. Jghid ukoll illi meta jkollu l-flus fuq il-*mobile* huwa kien icempel lil Axiaq fuq in-numru tieghu ossia 79994585, izda meta ma jkollux flus, imur ihabbatlu fuq il-bieb tad-dar tieghu, jidhol jaghtih il-flus u Axiaq jaghtih pakkett ta’ Lm10. Jghid li mhux l-ewwel darba li fid-dar tieghu ra zghazagh ohrajn bil-vizzju, jixtru u jittaqbu jew jaharqu l-eroina ghandu stess. Gieli kien hemm hames zghazagh f’daqqa jiehdu l-eroina gewwa d-dar ta’ Axiaq, izda huwa qatt ma abbuza mid-droga hemmhekk.

[6] Il-process verbal dwar din l-istqarrija guramentata jinsab esebit a fol. 18 tal-process.

L-istess Fenech xehed f'dawn il-proceduri fit-18 ta' Mejju 2009[7], fejn ikkonferma illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet eroina, li kien xtraha minghand l-imputat dakinhar stess li nqabad biha u li kien hallas Eur 19. Huwa qal li din ma kinitx l-ewwel darba li xtara minghand l-imputat u li kien xtara l-eroina minghandu matul dik il-gimgha ta' qabel. Qal li kien ilu jiehu l-eroina minn meta kellu tlettax-il sena, li kien ilu sena u nofs *clean* u li qabel ukoll kien jixtri minghandu – "*xi sentejn ilu jew sena ilu jew sena u nofs*"[8] u li kien imur ghand l-imputat qisu darba fil-gimgha. Meta saritlu referenza ghal dak li kien qal fl-istqarrija tieghu u cioe` li kien ilu jixtri l-eroina minghand l-imputat hames snin, huwa qal li hemmhekk kien qed jirreferi ghal izjed minn sena qabel. Huwa gie muri l-esebit Dok. PG 9 u kkonferma li dan kien il-pakkett eroina li kien xtara dakinhar minghand l-imputat. Qal ukoll illi l-*foil* li fih kien imgezwer dan il-pakkett, kien ghamlu hu stess. Qal illi dakinhar kien xtara biss dak il-pakkett minghand l-imputat. Fenech qal li dejjem kien ikun wahdu meta kien imur jixtri minghand l-imputat, li qatt ma ra lil xi haddiehor jixtri minghandu, li kien jidhol jixtri, jara lin-nies ghandu u jkellimhom u gieli kien ikun hemm min qed jiehu (b'referenza ghad-droga), izda hu ma kienx jibqa' hemm. Qal ukoll illi ma kienx jara sustanza f'idejn dawn in-nies, izda kienu jghidulu. Mistoqsi kif kien jikkomunika mal-imputat, huwa qal illi meta kien ikollu l-flus kien icempillu u meta ma kienx ikollu flus, kien ihabbatlu d-dar. Meta l-imputat ma kienx ikollu d-droga, kien joqghod fuq il-*methadone*. Rigward in-numru tal-*mobile* tal-imputat, qal li ma kienx jafu bl-amment, kien jaf li indika dan in-numru fl-istqarrija u li dan kien imnizzel fuq il-*mobile* tieghu. Fenech rega' kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu bil-gurament, qal li Axiaq kien maghruf bhala l-Quhu u rega' indikah bhala l-imputat.

L-imputat da parti tieghu rrilaxxja stqarrija fl-1 ta' Mejju 2009[9], f'liema stqarrija madankollu ma saritlu l-ebda domanda specifika dwar Fenech. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa spicca jbiegh id-droga eroina biex isostni l-vizzju tieghu, l-imputat ghazel li ma jwegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel skond il-ligi minghajr konsegwenza ta' xejn u in oltre fir-rigward tas-sitt iqratas li kienu jikkontjenu

[7] A fol. 24 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 26 tal-process.
[9] A fol. 21 u 22 tal-process.

sustanza allegatament eroina, li nstabu fil-pussess tieghu, huwa qal illi dawn kienu ghall-uzu tieghu.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[10], l-imputat qal illi huwa kien jabbuza mid-droga eroina u kien ilu jabbuza minn din id-droga *"forsi 3 jew 5 snin imma ezattament ma nafx"*.[11] Qal illi dakinhar Fenech mar ihabbatlu u staqsih kellux *citric acid* u li huwa wiegbu li ma kellux. Qal li Fenech kien jabbuza mid-droga u li hu qatt ma biegh droga lil Fenech. Qal li din kienet l-ewwel darba li Fenech mar ghandu, li Fenech kien jaf li hu jabbuza mid-droga, li huwa kien jaf lil Fenech minn Haz-Zabbar, li gieli rah ghall-*methadone* u li gieli rah f'tal-linja u li x'aktarx qalulu n-nies fejn kien joqghod. Qal li qatt ma kellu argumenti ma' Fenech u qatt ma ggieldu. Qal ukoll fix-xhieda tieghu, illi fil-kalzetti kellu d-droga u li din kienet ghall-uzu tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

F'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti ossia dik tax-xhud Mario Fenech, li jghid illi huwa akkwista l-eroina minghand l-imputat dakinhar li nqabad mill-pulizija u cioe` fit-30 ta' April 2009, li kien xtara l-eroina minghand l-istess imputat matul dik il-gimgha ta' qabel u li fil-hames snin li kien ilu jabbuza mill-eroina, dejjem xtara din id-droga minghand l-imputat u min-naha l-ohra l-verzjoni tal-istess imputat li jinnega illi huwa qatt biegh xi droga lil Fenech.

Illi kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata kemm lil dan ix-xhud tal-Prosekuzzjoni min-naha l-wahda, li huwa kategoriku meta jghid li huwa dejjem xtara l-eroina minghand l-imputat, kif ukoll lill-imputat min-naha l-ohra, li kif inghad, jichad li huwa qatt biegh droga lil Fenech. Skond l-

[10] A fol. 91 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 93 tal-process.

Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’kull kaz, ix-xhieda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f’kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta’ xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta’ fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f’hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta’ Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort’ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta’ dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m’ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b’cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f’xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b’reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew biza’, jew b’weghdiet jew twebbil ta’ vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Mario Fenech. Dan ix-xhud ma xhedx quddiem din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita` li tifli direttament l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Biss tinnota li Fenech kien kontinwament konsistenti fix-xhieda tieghu maghtul dawn il-proceduri, li fl-ebda waqt ma kien riluttanti sabiex jixhed u illi din ix-xhieda hija wkoll konsistenti ma’ dak li kien

qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu, liema stqarrija kkonfermaha wkoll bil-gurament tieghu, kemm ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101, kif ukoll matul dawn il-proceduri. Fl-istqarrija tieghu, Fenech jidher veritier tant illi ta anke dettalji dwaru stess li ma kienx tenut li jaghtihom, bhal per ezempju, illi huwa ma kienx xtara d-droga eroina biss f'dik l-okkazzjoni li nqabad fiha, izda anke matul il-gimgha ta' qabel u li kien ilu jabbuza mill-eroina ghall-perjodu ta' madwar hames snin, ghalkemm kien hemm xi zmien meta huwa kien qed jghaddi biss bil-*methadone.* Imbaghad, irid jinghad ukoll illi ghalkemm fl-atti ma giet prezentata l-ebda analizi tas-sustanza li nstabet fil-pussess ta' Fenech sabiex jigi stabbilit li din kienet effettivament droga eroina, biss kif qal Fenech stess, din ma kinitx l-ewwel darba li huwa xtara l-eroina minghand l-imputat. Fenech kien ilu snin shah jabbuza mill-eroina u kien ghalhekk jaf ben tajjeb x'kienet din id-droga. Anke fin-nuqqas ta' analizi forensika li tistabilixxi b'certezza x'kienet is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Fenech fil-jum in kwistjoni, il-Qorti ma tistax tinjora x-xhieda kategorika ta' Fenech li huwa ma kienx xtara biss l-eroina minghand l-imputat f'dik l-okkazzjoni, izda addirittura dejjem xtara l-eroina minghandu, kemm matul dik il-gimgha ta' qabel illi huwa kien rega' beda jaghmel uzu mid-droga, kif ukoll matul iz-zmien kollu ta' qabel li fih huwa kien jabbuza mill-eroina u cioe` fuq perjodu ta' madwar hames snin. Imbaghad, lanqas ma jista' jigi njorat il-fatt illi fil-pussess tal-imputat instabu sitt iqratas tal-karti li kienu jikkontjenu l-eroina u li ghar-rigward ta' liema, fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2009, id-difiza iddikjarat li kien hemm qbil illi din id-droga kienet fil-fatt eroina.[12] Din l-eroina kif inghad instabet ukoll fi qratas tal-karti, kif fil-fatt instabet is-sustanza li kienet fil-pussess ta' Fenech. Kemm il-qratas misjuba fil-pussess tal-imputat,

---

[12] A fol. 61 tal-process. F'dan ir-rigward irid jigi rilevat ukoll illi ghalkemm fis-seduta tat-8 ta' Frar 2010, inhatar l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel analizi tas-sustanza esebita u jirrelata dwar din is-sustanza, u ghalkemm fil-fatt giet esebita relazzjoni mill-imsemmi espert fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2011, jidher illi din ir-relazzjoni li tinsab esebita a fol. 68 tal-process, m'ghandha x'taqsam xejn mal-kaz odjern. Fil-fatt ghalkemm l-okkju fir-relazzjoni huwa korrett, minn harsa lejn id-deskrizzjoni tad-dokumenti analizzati mill-imsemmi espert, jitqanqal dubju serju dwar kemm fil-fatt dawn id-dokumenti huma l-istess dokumenti li nstabu fil-fond tal-imputat nhar it-30 ta' April 2009. Fil-fatt fit-tieni pagna ta' din ir-relazzjoni, apparti li hemm referenza ghall-kawza "Sp F. Fleri vs John Mary Axiaq, basket, 109/09, 22/02/10" u apparti illi ma jidhirx illi l-Ispettur Fabian Fleri kien involut b'xi mod f'dan il-kaz, jinghad ukoll illi d-dokumenti analizzati kienu jikkonsistu *inter alia* f'zewg pakketti ta' lewn abjad li fuqhom kien hemm il-kliem *citric acid* u li f'dawn iz-zewg pakketti, kien hemm boroz zghar tal-*plastic* bi trab ta' lewn abjad – dokumenti dawn li ma gewx esebiti fl-atti ta' din il-kawza bhala parti mill-oggetti li nstabu fir-residenza tal-imputat. In oltre, fl-ewwel pagna tar-relazzjoni hemm indikat ukoll illi l-ewwel dokument kien jikkonsisti f'siringa mhux uzata u *roll* tal-*foil* li kien uzat, mentri f'dawn il-proceduri gew esebiti bicciet tal-*foil* (Dok. PG3 u Dok. PG8) u zewg siringi godda (Dok. PG 8) u ma gie esebit l-ebda *roll* tal-*foil*. L-esebiti f'dawn il-proceduri jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 51 ta' dan il-process.

kif ukoll il-qartas misjub fil-pussess ta' Fenech jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 51 tal-process u ma tistax ma tigix innutata s-somiljanza kbira bejn dawn il-qratas.

Irid jinghad ukoll illi fl-atti gew esebiti zewg *sim cards* li nstabu fir-residenza tal-imputat (Dok. PG4), liema *sim cards* jidhru wkoll fir-ritratti esebiti a fol. 51 tal-process. Dwar dawn is-*sim cards*, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi dawn kienu tal-habiba tieghu, Jolene, li kienet prezenti fir-residenza tal-imputat dakinhar li saritlu t-tfittxija. Issa mill-analizi tal-espert Dr. Martin Bajada, fuq dawn is-*sim cards*[13], jirrizulta illi fuq *sim card* minnhom, fil-*Phone Book Contents*, hemm indikat 'Jimmy uhu' bin-numru '79994585' (l-imputat jismu James Mary). Fis-*sim card* l-ohra, fil-*Phone Book Contents* hemm indikat l-istess numru '79994585' hdejn il-kelma 'Quhu'. Fl-istqarrija kkonfermata minnu bil-gurament, Fenech jindika n-numru tal-imputat bhala 79994585 u jirreferi ghall-istess imputat bhala l-Quhu, apparti illi anke fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri huwa jikkonferma li l-laqam tal-imputat kien il-Quhu, li huwa kien icempillu fuq dan in-numru biex jinqeda ghall-eroina u li dan in-numru kien imnizzel fuq il-*mobile* tieghu. L-istess numru 79994585 jidher ukoll indikat fuq l-istqarrija tal-istess imputat ghalkemm l-imputat ma giex mistoqsi dwar dan in-numru u lanqas ma ffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu. Minn dan kollu, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi fil-fatt in-numru tal-imputat maghruf bhala l-Quhu kien dak indikat mix-xhud Fenech fl-istqarrija tieghu u dan ikompli jikkorrobora l-verzjoni ta' dan ix-xhud, fil-waqt illi fl-istess hin ikompli jxejjen ic-cahda tal-imputat u l-verzjoni tieghu li ma kienx minnu illi huwa biegh id-droga eroina lil Fenech.

Dwar ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri, fil-fatt il-Qorti la tqis il-verzjoni tieghu bhala wahda kredibbli u lanqas attendibbli. Irid jinghad illi din il-Qorti kif preseduta, kellha l-opportunita` li tisma' lill-imputat jixhed quddiemha u ghaldaqstant setghet tifli wkoll il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u setghet tara illi x-xhieda tieghu ma kienet konvincenti xejn. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi dakinhar li saret it-tfittxija fir-residenza tieghu, kien hemm ukoll fl-istess residenza, certu Jolene u Manwel Mizzi. Dwar Jolene

[13] Dok. MB1, a fol. 87 tal-process.

huwa jghid li din kienet habiba tieghu u kienet tnaddaflu u Mizzi kien habib tieghu, kien joqghod ftit il'fuq minnu u kien imur ghandu jara ghandux bzonn xi haga. Wara jghid li gielu kienu jaraw xi DVD. Jghid ukoll illi Jolene ma kinitx taf li huwa kien jabbuza mid-droga, li huwa qatt ma qaliha b'dan u li kienet ilha habiba tieghu sena jew sena u nofs. Qal illi ma kienx jaf jekk dawn il-persuni li kienu ghandu kienux jabbuzaw mill-eroina u dwar Joline qal illi gieli raqdet ghandu u li safejn jaf hu ma kinitx tiehu droga. L-istess qal dwar Mizzi, fis-sens illi ma kienx jaf li dan kien jiehu d-droga. Il-Qorti ma tqisx din il-parti tax-xhieda tal-imputat bhala attendibbli jew kredibbli. Il-Qorti fil-fatt ma temminx lill-imputat meta jghid li Jolene ma kinitx taf li huwa jiehu d-droga, meta fl-istess waqt imbaghad jghid li huma kienu ilhom hbieb ghal madwar sena jew sena u nofs, li din Jolene kienet tnaddaflu u kienet gieli anke torqod ghandu. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni fil-fatt ma gabitx prova illi din Jolene jew Mizzi kienu verament jabbuzaw mill-eroina, biss la darba l-imputat jghid illi lil Mizzi kien jafu minn meta kienu zghar, apparti li kien habib ta' Jolene ukoll u jidher li kienet tkun ghandu ta' spiss, l-imputat lanqas ma huwa kredibbli meta jghid li ma kienx jaf jekk dawn kinux jabbuzaw mid-droga eroina. Mhux biss, izda din ix-xhieda trid titqies fl-isfond tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, fejn hemmhekk huwa jghid li kellu problema kbira tal-eroina u li fil-fatt kien jikkonsma madwar gramma eroina kuljum u li kien ilu snin bil-vizzju. Ghalhekk l-imputat mhuwiex kredibbli meta jghid illi Jolene li kienet ilha tant habiba tieghu u kienet anke gieli torqod ghandu, ma kinitx taf li kellu dan il-vizzju jew li huwa ma kienx qalilha, daqskemm mhuwiex kredibbli meta jghid li ma kienx jaf jekk Jolene u Mizzi kienux jabbuzaw mill-eroina u li ma jafx li kienu jiehdu d-droga. Fl-istqarrija tieghu, fir-rigward ta' Mizzi, l-imputat ghall-ewwel jirreferi ghalih bhala 'l-gejxa' u jghid li kien ilu ma jmur ghandu u izjed tard imbaghad jghid illi huwa habib tieghu u li ghalhekk kien ghandu. Anke fir-rigward ta' Joseph Sciberras, li kien ghandu wkoll, jghid li dan kien habib tieghu. Kumbinazzjoni, ghalhekk, skond l-imputat, dakinhar Jolene, Mizzi u Sciberras kienu lkoll ghandu ghaliex kienu hbieb tieghu, ghalkemm ftit qabel jghid ukoll li Mizzi kien ilu ma jmur ghandu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat madankollu ma qalx li Mizzi kien imur ghandu sabiex jara jekk l-imputat kellux bzonn xi haga – li fil-fatt ma tantx taghmel sens – jew li kienu jaraw xi DVD flimkien. In oltre, fl-istqarrija tieghu, meta ssirlu referenza ghall-fatt illi l-persuni kollha li nstabu ghandu dakinhar tat-30 ta' April 2009, kellhom ilkoll il-vizzju tal-eroina, l-

imputat la jikkonferma u lanqas jinnega din l-allegazzjoni. Anke sussegwentement fl-istess stqarrija meta gie ssuggerit lilu illi Jolene tkun ghandu ghaliex ghandha vizzju qawwi tal-eroina u li huwa kien jaghtiha l-eroina in kambju ta' prestazzjonijiet sesswali, huwa sempliciment jirrispondi 'mhux veru' u ma jghidx li mhuwiex minnu li Jolene kellha l-vizzju tal-eroina jew li ma jafx li hija kellha dan il-vizzju.

Irid jinghad ukoll illi lanqas ma hija kredibbli l-ispjegazzjoni li ta l-imputat dwar ir-raguni ghaliex Mario Fenech kien mar gewwa r-residenza tieghu – mhux biex jixtri l-eroina skond hu, izda ghaliex Fenech talbu s-*citric acid*. Skond din kienet l-ewwel darba li Fenech mar ghandu u li x'aktarx kien jaf fejn joqghod ghaliex qalulu n-nies. Fil-fehma tal-Qorti, anke wara li tqis in-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat, mhijiex attendibbli din il-verzjoni tieghu, specjalment meta wiehed iqis illi skond l-istess imputat, Fenech ma kienx jaf fejn joqghod u li din kienet l-ewwel darba li mar ghandu u li ghalhekk, skond l-imputat, Fenech qghad jiehu l-briga li jistaqsi lin-nies fejn kien joqghod l-imputat mhux biex jixtri l-eroina, izda biex jiddobba ftit *citric acid* li seta' facilment anke jixtrih minn bnadi ohra b'mod totalment legali, a kuntrarju tal-eroina. L-imputat imbaghad jichad li qatt kien hemm xi argument bejnu u bejn Fenech jew li seta' kien hemm xi raguni ghalfejn dan kellu jigdeb fuqu, ghajr li huwa kien tifel kwiet u Fenech ghalhekk ghazel li jitfaghha fuqu.

Fid-dawl ta' dan kollu, meta tqis iz-zewg verzjonijiet moghtija minn Fenech u mill-imputat rispettivament, u meta tqis ukoll ic-cirkostanzi hawn fuq spjegati, il-Qorti jidhrilha illi kuntrarjament ghall-verzjoni tal-imputat, il-verzjoni ta' Fenech hija kredibbli u attendibbli ghall-ahhar u ghaldaqstant fil-fehma taghha, il-Prosekuzzjoni ppruvat, lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi l-imputat forna u pprokura d-droga eroina u dan in kwantu jirrigwarda t-30 ta' April 2009 u l-gimgha ta' qabel din id-data. Fil-fatt, ghalkemm din l-imputazzjoni tirreferi ghat-30 ta' April 2009 u s-sena ta' qabel din id-data, Fenech xehed illi ghamel perjodu ta' zmien *clean* u cioe` bejn sena u sentejn qabel ma kien rega' beda jiehu d-droga fil-gimgha ta' qabel it-30 ta' April 2009. Ghaldaqstant, l-imputat

qed jinstab hati kif inghad fir-rigward tat-30 ta’ April 2009 u l-gimgha ta’ qabel din id-data.

L-imputat gie addebitat ukoll, bhala parti mill-imputazzjoni (a), bl-aggravju tad-distanza ai termini tat-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dwar dan, fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2010, id-difiza ssottomettiet illi “*ma hemmx bzonn jinhatar perit halli titkejjel id-distanza u minflok, minghajr pregudizzju, qed taccetta li fid-distanza hemm muzew tat-tfal*”. It-tieni proviso hawn imsemmi jitkellem dwar meta r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, *club* jew centru taz-zghazagh. Il-Qorti tqis illi muzew tat-tfal jista’ jitqies bhala post fejn jiltaqghu z-zghazagh, ghaliex huwa risaput li f’muzew tat-tfal jattendu anke tfajliet jew guvintur. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi anke dan l-aggravju gie ppruvat mill-Prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

b) <u>Pussess aggravat tad-droga eroina fit-30 ta’ April 2009 u fis-sena ta’ qabel din id-data</u>

Fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, la darba l-imputat qed jinstab hati talli forna u pprokura d-droga eroina lil Fenech u dan fit-30 ta’ April 2009 u fil-gimgha ta’ qabel din id-data, isegwi wkoll illi l-imputat kellu l-pussess aggravat tal-istess eroina, fis-sens illi huwa kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, liema droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu, tant illi fil-fatt huwa forniha jew forna minnha lil Fenech.

In oltre fid-data tat-30 ta’ April 2009, l-imputat instab ukoll fil-pussess ta’ sitt iqratas tal-karti li huwa ammetta, f’dawn il-proceduri, illi kienu jikkontjenu d-droga. Kif inghad fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2009, id-difiza ddikjarat illi kien hemm qbil li din id-droga kienet eroina. Id-difiza fil-fatt mhijiex tikkontesta illi l-imputat kien fil-pussess ta’ din id-droga, izda qeghda

tikkontesta l-pussess aggravat tal-istess. Skond l-imputat, fil-fatt, din id-droga kienet intiza biss ghall-uzu tieghu.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Brian Caruana</u>**, *"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli"*.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-1 ta' Mejju 2009, l-imputat ikkonferma li ghandu problema kbira bl-eroina u stqarr li jiehu madwar gramma eroina kuljum. Qal ukoll illi kien ilu b'dan il-vizzju snin. Fl-istess stqarrija, l-imputat qal ukoll illi huwa ma kienx jahdem, li kien ilu sena wieqaf mix-xoghol u li kien jirregistra.

Mistoqsi kif kien isostni l-vizzju tieghu la darba kien dizokkupat, huwa wiegeb li kien jaghmel id-dejn. Qal ukoll illi ghalkemm qabel kien jiehu l-*methadone*, qatghuh xi tminn xhur qabel ghaliex ma kienx baqa' jmur jehodha. Fir-residenza tieghu, instabu wkoll oggetti relatati mal-abbuz tad-droga bhala siringi godda u *foil* mahruq. Dwar il-folji tal-pitazz bir-rigi li nstab fil-kcina, l-imputat ikkonferma li dan kien tieghu u meta gie mistoqsi kif kien juza dan il-pitazz bir-rigi, huwa qal li kien jikteb xi haga fuqu bhal numru. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien juza dan il-pitazz biex jaghmel il-qratas tal-karti ghad-droga, li fihom kien iqieghed l-eroina li jbiegh lil min kien imur ghandu bhala putti, il-gejxa u Jolene, l-imputat ma wegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel minghajr konsegwenzi. Wara diversi domandi dwar is-sitt iqratas li nstabu fil-kalzetta tieghu, l-imputat wiegeb li dawk kienu tieghu u li kienu ghall-uzu tieghu.

Dawn is-sitt iqratas tal-karti li kienu jikkontjenu d-droga eroina jidhru fir-ritratti esebiti a fol. 51 tal-process. Ghalkemm ma saret l-ebda analizi fuq din is-sustanza u ghaldaqstant, fl-atti lanqas ma ngabet il-provi dwar il-piz tat-trab kontenut f'kull qartas, madankollu minn harsa lejn dawn ir-ritratti jidher car li dawn is-sitt iqratas kienu simili hafna ghal xulxin fid-daqs taghhom.

Issa ghalkemm il-Qorti temmen illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u kellu anke vizzju qawwi tad-droga eroina kif jghid huwa stess fl-istqarrija tieghu, tant illi anke instabu fir-residenza tieghu, kif inghad, oggetti relatati mal-uzu tad-droga eroina, biss il-Qorti tqis illi huwa wkoll ferm sinjifikanti li nstabu fil-pussess tieghu sitt iqratas ta' daqs simili. Tqis ukoll illi l-imputat dak iz-zmien kien dizokkupat u kien ilu hekk dizokkupat ghall-perjodu ta' sena, meta mill-banda l-ohra, huwa kellu vizzju qawwi ta' droga eroina u kif stqarr hu stess, kien jikkonsma madwar gramma kuljum. Ghalkemm l-imputat jghid li huwa kien jaghmel id-dejn sabiex jixtri d-droga, u jista' jkun ukoll illi dan kien minnu, biss dan id-dejn l-imputat ried ihallsu minn x'imkien ukoll. Jirrizulta ghalhekk li l-imputat kien jirregistra, dizokkupat, kien ilu hekk dizokkupat ghal sena, kien jikkonsma madwar gramma eroina kuljum ossia seba' grammi fil-gimgha jew

kwazi tletin gramma fix-xahar, li zgur li kienu jiswewh kemxa flus sew, ried jiekol u jghix u terga' u tghid kien jaghmel id-dejn biex jixtri din id-droga.

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex imantni l-vizzju tieghu. L-imputat ma seta' qatt isostni l-vizzju tieghu minghajr ebda introjtu iehor, ghajr ghall-introjtu li kellu mill-fatt li kien jirregistra, u mhux talli hekk, talli kien jehtieglu wkoll ihallas id-dejn, li skond hu, kien jaghmel biex jakkwista d-droga.

Imbaghad terga' u tghid instabu folji ta' pitazz u ghalkemm fuq folja minnhom verament hemm miktubin xi numri, kif jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, biss jidher li dan il-pitazz fih folji neqsin u apparti minn hekk instabet ukoll strixxa tal-karti minn pitazz u zewg bicciet ohrajn tal-karti zghar, ta' daqs ugwali, ukoll mehuda minn pitazz. Il-Qorti fliet dawn l-esebiti sew u ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-imputat kellu joqghod izomm il-bicciet tal-karti maqtughin minn pitazz, anke f'daqsijiet ugwali, fil-kcina tieghu u tenut ukoll anke tal-fatt illi l-pitazz kellu folji neqsin u li anke s-sitt iqratas li nstabu fil-pussess tieghu kienu f'karti ta' pitazz, dan kollu jindika car li l-imputat kien juza l-folji tal-pitazz biex iqassam id-droga eroina fi qratas.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-mod kif kienet maqsuma id-droga u n-numru ta' qratas, kif ukoll ic-cirkostanzi l-ohrajn tal-kaz ossia li l-imputat kien dizokkupat, kellu vizzju qawwi tad-droga u kien ghalhekk jehtieglu li jmantni l-vizzju tieghu u s-sejba tal-bicciet tal-karti u pitazz bil-folji neqsin kif inghad izjed il'fuq u l-fatt li kien ghadu kif biegh qartas bl-eroina lil Mario Fenech dakinhar stess, iwasslu lill-Qorti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi dawn ic-cirkostanzi kollha flimkien jindikaw illi d-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat hati wkoll tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dan kemm ghal dak li jirrigwarda t-30 ta' April 2009, kif

ukoll ghal gimgha ta’ qabel din id-data u dan ghall-istess raguni moghtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

c) *F’post abitat kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu xi munizzjon kalibru .38 minghajr licenza mahruga f’ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija*

Dwar din l-imputazzjoni, fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat ammetta li huwa xtara l-*bullet* in kwistjoni mill-Monti tal-Belt u li ma kellux licenza jew awtorizzazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izommha. Fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2009, id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli ttella prova li l-esebit Dok PG 6, hija *bullet.* Ghaldaqstant, stante li jirrizulta mill-provi prodotti illi din il-*bullet* kienet tinsab gewwa r-residenza tal-imputat u li fir-rigward taghha huwa ma kellux licenza, il-Qorti qed issib lill-imputat hati wkoll ta’ din l-imputazzjoni.

Il-Qorti giet ukoll mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv u dan permezz ta’ sentenza tas-16 ta’ April 2004. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta’ sentenza[14] datata 16 ta’ April 2004, fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs John Mary Axiaq’, mil-liema sentenza jirrizultaw il-konnotati tal-imputat f’dik il-kawza. Dawn il-konnotati jaqblu mal-konnotati tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll minn din is-sentenza illi huwa gie kkundannat ghal piena ta’ multa ta’ Lm200, liema multa huwa seta’ jhallasha mensilment, bl-ewwel pagament jithallas minnu fit-30 ta’ April 2004. Issa sabiex jirrizulta l-addebitu tar-recidiva skond l-Artikolu 50 tal-Kap. 9, l-imputat ghandu jinstab hati li jkun ghamel delitt iehor fi zmien hames snin minn dakinhar li huwa jkun skonta jew tkun giet mahfura l-piena, u dan fil-kazijiet kollha fejn iz-zmien ta’ dik il-piena ma jkunx izjed minn hames snin. Veru li l-hati f’dak il-kaz inghata zmien li jhallas, izda l-Qorti m’ghandhiex prova, ghajr mill-fedina penali stess u li ghalhekk m’hijiex prova sodisfacenti f’dan ir-rigward, illi fil-fatt huwa ghazel li jhallas mensilment u li ghalhekk ma hallasx il-multa mill-ewwel jew f’daqqa u li ma skontax il-piena qabel it-30 ta’ April 2004 jew il-gimgha ta’ qabel u cioe` sat-23 ta’ April 2004. La darba din il-prova ma

[14] Esebita a fol. 82 *et seq* tal-process.

ngabitx b'mod sodisfacenti, id-dubju ghandu jmur favur l-imputat u ghalhekk ma jistax jinghad fil-grad rikjest mil-ligi illi m'ghaddewx hames snin minn meta l-hati skonta dik il-piena sad-data li fiha huwa kkommetta r-reati odjerni. Ghaldaqstant, l-imputat mhuwiex qed jigi kkunsidrat bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9, izda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-istess Kapitolu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema fedina jirrizulta illi sat-23 ta' Lulju 2013, l-imputat kien instab hati ta' reati kontravvenzjonali, tar-reat ta' ricettazzjoni dwar liema huwa tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' sentejn u ta' pussess semplici ta' droga eroina, dwar liema huwa gie kkundannat ihallas multa ta' Lm200.

In oltre il-Qorti qieset ukoll illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat traffika d-droga eroina fit-30 ta' April 2009 u fil-gimgha ta' qabel din id-data u illi dakinhar stess tat-30 ta' April 2009, huwa nstab fil-pussess ta' sitt iqratas bid-droga eroina. Qieset ukoll illi skond ix-xhud Mario Fenech, f'din il-gimgha huwa kien xtara qartas kuljum minghand l-imputat. Qieset ukoll illi huwa gie addebitat bl-aggravju tad-distanza u li ghalhekk skond it-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghandha tizdied bi grad.

Qieset ukoll mill-banda l-ohra, illi skond ix-xhieda tieghu, l-imputat illum qed jahdem u ilu sena f'dan l-impjieg u ghalkemm ma ngabitx prova ohra dwar dan, skond hu, ghamel programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fis-sens illi r-reat kif ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) qed jigi meqjus bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess

ir-reat fl-imputazzjoni (a). Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-proviso ghall-Artikolu 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-piena ta' multa applikabbli ghall-imputazzjonijiet (a) u (c).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), (h) u 49 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-*proviso* ghall-Artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, inkluz tal-addebitu tar-recidiva izda biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal piena ta' **ghaxar xhur prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta' elf Euro (€1000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u tletin Euro u sitta u tmenin centezmu (€439.86), izda mhux l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, ghaliex kif inghad qabel, il-Qorti ghandha dubji serji dwar kemm din ir-

relazzjoni hija ta' relevanza ghall-kaz odjern. L-istess spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti bhala Dok. PG2, Dok. PG3, Dok. PG7, Dok. PG8 u Dok. PG 9, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna l-konfiska tal-munizzjon, Dok. PG6 u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------